# L-IMDINA

*Ta'* ANTON BUTTIGIEG

Belt tal-Imdina,
illum tgħix siekta qisek mara xwejħa
mimlija qima,
ġo dar qadima
mimlija tifkiriet:
ritratti
ta' Pawlu, Publju u Ruġġieru,
ta' l-Isle Adam,
gran mastri, kavalieri,
iħkma u ġurati,
kanonċi, isqfijiet, inkwiżituri...
kneijes, palazzi, swar u katakombi,
kanuni, deħbijiet, u flus antiki...
siekta bil-lejl bin-nhar
tħares mis-swar għoljin fuq bliet u rħula,
fuq blat u raba'
ta' Malta tiegħek...

Iżda int fiż-żmien,
Belt tal-Imdina,
kont mara kollok saħħa li taf tislet
ix-xabla kontra l-għadu;
mis-swar għoljin
tgħasses it-torrijiet madwar il-gżira,
u kif id-dħaħen tara,
tiġbor 'l uliedek qisek qroqqa twajba
fil-kenn tal-ġwienaħ tiegħek,
u mqita thedded bil-munqar l-għedewwa...
taf it-taqtigħa
ta' Għajn il-Klieb,
l-assedju ta' Dragut u Suliman
u elf ħbit ieħor,
taf it-tislita
mat-truppi ta' Vaubois fit-toroq tiegħek,
u minn kull glieda
int ħriġt bil-ġieħ il-belt qatt qatt mirbuħa!

Belt tal-Imdina,
illum aħna fittixna l-bliet miftuħa



għal-iex it-toroq tiegħek
dojoq iż-żejjed;
iżda kull sena
niġu nżuruk;
mill-Pwales, mill-Imtaħleb, mill-Girgenti
inġibu ġmiel ta' ħawħ, tuffieħ, għajnbaqar,
bajtar u frawli,
u ġmiel ta' ħxejjex, l-isbaħ ifrat u baqar,
u nagħmlu wirja
ġewwa l-Buskett,
u nqattgħu lejl ingħannu
għanjiet missirijietna,
u nieklu l-fniek,
u l-għada fil-għaxija
ma' tul it-telgħa tiegħek
intellqu l-bhejjem
għall-palijiet imlewna tad-damask.
Iżda inti tibqa' siekta, ja Belt xwejħa,
u turi ferħek
billi fis-swar għoljin tixgħel il-fjakkli...
In-nies mill-gżira kollha
tarak u tgħid: l-Imnarja!

Belt tal-Imdina
inħobbok, inħobbok, inħobbok
bin-nar tal-qalb daqskemm inħobb
lil Ommi xwejħa!

---

# ĦSIBIJIET

Il-fwieħa tal-vjoli
taħt weraq ħodor
moħbija,
fakkritni
fil-ħena ta' ruħi
ta' meta kont
bla ħtija.

* * *

Kont sabiħa
Inbigħ is-saħħa.
Ridtni,
Ħadtni:
Żaqqi neffaħtli,
Wiċċi nixxiftli
Saffartli;
Kerraħtni
Irmejtni
U fnejtni.
Bla saħħa ħallejtni
Nibki waħdi.

G.Z.A.